**28 ta' Mejju, 1965**

**Imhallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Carmelo Spiteri

*versus*

Luqa Ellul

**Appell — Difett fl-esekuzzjoni — Eċċezzjoni tal-intempestività —**

*L-eċċezzjoni tal-Intempestività hija ta' natura dilatorja u għandha titqajjem fil-bidu tal-kawża.*

*F'każ li x-xogħol ma jsirx kif imiss, aktar milli intempestività għall-azzjoni tiegħu għall-ħlas hu aktar opponibbli lilu n-nuqqas ta' esekuzzjoni tajba tax-xogħol u kwindi n-nuqqas ta' dritt li jitlob il-kumpens intier altrimenti dovut. Dan in-nuqqas jikkonsisti fl-ispiża neċessarja biex ix-xogħol isir permezz ta' ħaddieħor.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-attur li bih, wara li ppremetta li l-konvenut kien inkarigah biex jagħmillu xi xogħol ta' injam fil-fond numru 22 Bubaqra Street, Żurrieq, u li ħallsu biss akkont ta' ħamsin lira (£50) mill-prezz dovut ta' erbgħa u tmenin lira erba' xelini u tlett soldi (£84. 4s. 3d) u rrifjuta li jħallsu l-bilanċ ta' erbgħa u tletin lira erba' xelini u tlett soldi (£34. 4s. 3d) kif jirriżulta mill-prospett "A" hemm anness, talab li — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti xierqa — l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-imsemmi bilanċ ta' erbgħa u tletin lira erba' xelin u tlett soldi (£34. 4s. 3d) mill-prezz u spejjeż li għamillu fuq inkarigu tiegħu fil-post imsemmi, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-ewwel (1) ta' Diċembru, 1960 u bl-imgħax legali minn notifika ta' dik l-ittra;

OMISSIS:

Illi d-domanda attriċi hija għall-ħlas tal-bilanċ ta' prezz ta' xogħol ta' njam lilu ordnat mill-konvenut. Dana għamel iżjed minn eċċezzjoni waħda billi l-ewwel qal li hu għandu jħallas lill-attur il-flus li toħroġ il-War Damage Commission neħħi perċentwali lilu dovuta bħala l-kontrattur li ta x-xogħol lill-attur; jinpagħad qal li x-xogħol sar ħażin u b'materjal

ħażin (u b'hekk wieħed jifhem li kien jikkontesta l-ammont dovut għax-xogħol kif sar — kif anke jidher mill-mod li ġie konċepit l-inkariku lill-perit tekniku) u mbagħad, wara r-relazzjoni peritali, qal li mħabba li rriżulta difett fix-xogħol, allura d-domanda hija ntempestiva; jiġi wkoll rilevat, bħala fatt, li dina l-aħħar eċċezzjoni ngħatat, wara li fis-seduta preċedenti (tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju, 1964 fol. 70 isfel) il-konvenut permezz tad-difensur tiegħu qal li jaqbel mar-relazzjoni;

Illi l-konvenut ma ġieb ebda prova dwar dak li ssottometta fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu fis-sens li l-attur ma kellux jitħallas il-kost normali tax-xogħlijiet li kellu jagħmel imħabba xi deduzzjoni favur il-konvenut; dina l-asserzjoni għalhekk ma ġiet b'ebda mod provata. Il-konvenut ipprova jġib xi prova dwar ix-xogħol li ma kienx jidħol fl-iskeda tax-xogħol kawża mill-gwerra biex jgħid li għal dan hu tenut iħallas sid il-post li qabbdu jagħmel ix-xogħol fil-post; hu ma kompliex iżjed fuq din il-linja ta' difiża (salvi naturalment ir-relazzjonijiet tiegħu ma' sid il-post) u qabad fuq il-kwalità tax-xogħol u materjal użat; għandu għalhekk jiġi, kif qed jiġi ritenut li, fil-konfront tal-attur għandu jirrispondi hu għall-ħlas tax-xogħol lil dana kommess.

Illi skond il-Perizja jirriżulta li x-xogħol li għamel l-attur, fil-kondizzjoni li għamlu, jiswa' ħamsa u sebgħajn lira, xelin u tlett soldi (£75. 1s. 3d) u mhux erbgħa u tmenin lira, erba' xelini u tlett soldi (£84.4s.3d) kif kien stmah hu u qal fiċ-ċitazzjoni; u għalhekk, billi kien sar ħlas akkont ta' ħamsin lira (£50) il-bilanċ dovut jiġi ta' ħamsa u għoxrin lira, xelin u tlett soldi (£25. 1s. 3d) u paragun ta' dak ta' erbgħa u tletin lira erba' xelini u tlett soldi (£34.4s.3d) mitlub. Ix-xogħol jirriżulta li sar tajjeb b'unika eċċezzjoni ta' rixtellu li, biex isir sew tinħtieġlu spiża ta' nofs lira (10s.0d), u ta' din l-ispiża ttieħdet konsiderazzjoni fl-ammont likwidat mill-peirit; ebda

tort ma għandu l-attur dwar difetti lamentati fil-materjal li, apparti milli seta' ma kienx stagnat kif kien dak allura ottenibbli fis-suq,, seta' wkoll għamel xi movimenti billi mqiegħed fil-miftuħ;

Illi l-konvenut ma oppona bl-ebda mod dan l-ammont likwidat mill-Perit (ix-xhieda ta' dan kienet ġiet sospiża (ara fol. 76 isfel) però mbagħad ma reġax ġie mseijjaħ) (fil-fatt kien sejjaħlu l-attur), u l-konvenut evidentement f'dana l-istadju tal-kawża ried joqgħod fuq l-eċċezzjoni ulterjuri li ta dwar l-intempestività ta' l-azzjoni għax irriżulta xi difett fix-xogħol tal-konvenut, li kieku akkolta, twassal għall-liberazzjoni tiegħu mill-ħarsa tal-ġudizzju. Hija din l-aħħar eċċezzjoni għalhekk li hemm lok li tiġi nvestita u deċiża;

Illi dwar din l-eċċezzjoni, fil-fatt m'hix sollevabbli fl-istadju li ngħatat billi hija ta' natura dilatorja u kwindi għandha titqajjem fil-bidu; oltre dan, kif ġia rilevat, fl-istadju li semma l-mod li l-attur għamel ix-xogħol, il-konvenut wera li mħabba dina l-esekuzzjoni ħażina ma kienx ħaqqu jieħu l-prezz kollu mitlub tant li ġie mogħti l-inkarigu lill-Perit li jistma x-xogħol bil-mod li ġie esegwit, u hekk jiġi li l-atteġġjament tal-konvenut huwa nkonċiljabbli ma' l-atteġġjament tiegħu preċedenti. Barra minn hekk meta wieħed ma jagħmilx xogħol kif imiss, aktarx milli ntempestività għall-azzjoni tiegħu għall-ħlas (kif ikun il-każ jekk ma jitlestix qabel ma jitlob il-ħlas) huwa iżjed opponibbli lilu n-nuqqas ta' esekuzzjoni tajba tax-xogħol u kwindi n-nuqqas ta' dritt li jitlob il-kumpens intier altrimenti dovut, rappreżentat l-istess nuqqas mill-ispiża rikjesta biex ix-xogħol isir sewwa per mezz ta' ħaddieħor, u dan anke skond id-dritt tal-kreditur in ġenerali fl-obbligazzjonijiet "di fare" meta dawn ma jiġux esegwiti. Fuq kollox imbagħad jirriżulta mill-perizja li x-xogħol ħażin hu f'parti ta' partita waħda li tiswa nofs lira (10/-) biex tkun saret sewwa, a paragun ta' ħamsa u sebgħin lira ħdax il-xelin

u tlett soldi (£75.11s.3d) (kemm kieku kien *jiswa' x-xogħol* kollu esegwit sew), b'mod li kull sens prattiku u anke ta' ġustizzja jesiġi li t-talba għandha tiġi konsiderata fil-meritu u d-dritt tal-konvenut jiġi salvagwardat, bid-deduzzjoni analoga.

Illi fuq il-kap ta' l-ispejjeż hemm lok ta' temperament peress li l-attur talab iżjed milli lilu dovut u dana anke billi, kif qal il-perit, *uża prezzijiet għola mill-perit stess li huma dawk* stabbiliti mill-Gvern, kif jidher li kien il-ftehim;

Għal dawna l-motivi u dawk tal-Perit Gudizzjarju li hija tadotta:

Tipprovdi fuq l-istanza attriċi billi (a) tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-intempestività opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut, u (b) tilqa' t-talba attriċi għall-ammont ta' ħamsa u għoxrin lira xelin u tlett *soldi* (£25.1s.3d) u *tordna* li l-ispejjeż, li m'humiex ġia deċiżi, jitħallsu parti minn disgħa (1/9) mill-attur u tmien partijiet minn disgħa (8/9) mill-konvenut.